

Brussell, 4 ta' Ġunju 2021
(OR. en)

9142/21

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0310(COD)

SOC 381
EMPL 283
CODEC 835

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea - <i>Rapport ta' progress</i>

I. INTRODUZZJONI

Fit-28 ta' Ottubru 2020, il-Kummissjoni adottat proposta għal Direttiva dwar Pagi Minimi Adegwati fl-Unjoni Ewropea. Il-proposta għandha l-għan li ssaħħaħ il-protezzjoni tal-ħaddiema billi tistabbilixxi rekwiżiti minimi fil-livell tal-Unjoni biex jiġi żgurat kemm li l-pagi minimi jiġu stabbiliti f'livell adegwat u kif ukoll li l-ħaddiema jkollhom aċċess għall-protezzjoni tal-paga minima, fil-forma ta' paga minima statutorja (SMW) jew fil-forma ta' pagi ffissati permezz ta' ftehimiet kollettivi kif iddefinit għall-fini ta' din id-Direttiva.

Il-membri tal-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali (SQWP) iddiskutew il-proposta fi ħdax-il vidjokonferenza informali (erbgħa taħt il-Presidenza Ġermaniża u sebgħa taħt il-Presidenza Portugiża). Mill-bidu tad-diskussjonijiet, diversi Stati Membri opponew il-proposta tal-Kummissjoni billi qisuha nieqsa minn bażi ġuridika valida u li b'mod partikolari tmur kontra l-klawsola ta' konċessjoni fl-Artikolu 153(5) TFUE. Għall-kuntrarju, diversi Stati Membri laqgħu l-inizjattiva bħala pass importanti biex jiġi attwat il-prinċipju 6 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Stati Membri oħra għadhom ma waslux għal pożizzjoni nazzjonali.

Waqt li qieset il-kwistjoni tal-baży ġuridika bħala essenzjali għal aktar progress fuq il-proposta, il-Presidenza Ġermaniża talbet lis-Servizz Legali tal-Kunsill jagħti opinjoni bil-miktub dwar il-

kwistjoni tal-bażi ġuridika. Is-Servizz Legali tal-Kunsill ta l-opinjoni tiegħu fid-9 ta' Marzu 2021 (id-dokument 6817/21).

Abbażi tal-ħidma esploratorja tal-Presidenza Ġermaniża, il-membri tal-SQWP komplew jeżaminaw dan il-fajl taħt il-Presidenza Portugiża f'seba' vidjokonferenzi informali. Sommarju tal-progress li sar jinsab fit-Taqsima II hawn taħt.

Il-proposta ta' kompromess tal-Presidenza Portugiża tinsab fl-Anness 1 għal dan ir-Rapport. Il-bidliet fil-proposta tal-Kummissjoni (id-dokument 12477/20) huma mmarkati b'**tipa grassa** u t-tħassir bi [...]. Din il-proposta ta' kompromess tkopri dawk il-partijiet tal-proposta tal-Kummissjoni li, sa dak iż-żmien, kienu ġew eżaminati mill-membri tal-SQWP.

Fil-21 ta' Jannar 2021, skont l-Artikolu 6 tal-Protokoll Nru 2¹ anness mat-Trattati, għalaq iż-żmien ta' tmien ġimgħat għall-konsultazzjoni mal-parlamenti nazzjonali. Sa din id-data, il-parlamenti nazzjonali ta' tliet Stati Membri (DK, MT, SE) baġhtu opinjoni motivata, u b'hekk ma ntlaħaqx il-limitu skont l-Artikolu 7 paragrafu 2 ta' dan il-Protokoll li jiskatta l-obbligu ta' reviżjoni minħabba nonkonformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

Il-Parlament Ewropew għadu ma tax il-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari. Fir-rigward tal-bażi ġuridika proposta, l-Artikolu 153(2), flimkien mal-punt (b) tal-Artikolu 153(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Kunsill huwa mitlub jaġixxi skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja mal-Parlament Ewropew.

Kemm il-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew kif ukoll il-Komitat tar-Reġjuni taw opinjoni għall-proposta².

F'dan l-istadju, id-delegazzjonijiet kollha huma meqjusa li għandhom riżerva ġenerali ta' skrutinju dwar il-proposta.

¹ Il-Protokoll (Nru 2) dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u proporzjonalità, ĠU C 326, 26.10.2010, p. 206-209.

² Id-Dokumenti 7886/21(KESE) u 7421/21 (KtR)

II. IL-ĦIDMA TAL-KUNSILL TAĦT IL-PRESIDENZA PORTUGIŻA

Sa ma waslet l-opinjoni tas-Servizz Legali tal-Kunsill dwar il-bażi ġuridika, li għal ħafna delegazzjonijiet kienet meqjusa bħala prekondizzjoni politika biex tkompli l-ħidma, il-membri tal-SQWP evalwaw il-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni (id-dokument 12477/21 ADD3). Fit-2 ta' Novembru 2020 intbagħat kwestjonarju lid-delegazzjonijiet li weġbuh 26 Stat Membru. Il-Valutazzjoni tal-Impatt ġiet analizzata bir-reqqa u diskussa f'vidjokonferenza informali tal-membri tal-SQWP fl-20 ta' Jannar 2021. Is-sommarju ta' din l-evalwazzjoni tal-Presidenza jinsab fl-Anness 2 għal dan ir-rapport.

Waqf li qieset l-opinjoni tas-Servizz Legali tal-Kunsill u l-fehmiet espressi mid-delegazzjonijiet, il-Presidenza ppreżentat test ta' kompromess fi tmiem April 2021. Il-premessi ma ġewx koperti minn dan it-test billi dawn kien għadhom ma ġewx soġġetti għal diskussjoni mill-membri tal-SQWP, u ma ġie kopert lanqas l-Artikolu 10 billi d-diskussjoni dwaru kienet ġiet posposta sal-preżentazzjoni ta' informazzjoni teknika addizzjonali bil-miktub mill-Kummissjoni (WK 5391/21).

III. KWISTJONIJIET EWLENIN DISKUSSI FIL-LIVELL TAL-GRUPP TA' ĦIDMA

Suġġett

Wara diskussjoni fil-fond dwar l-obbligi maħluqa mill-Artikolu 1, il-Presidenza - f'konformità mal-fehmiet espressi minn ħafna delegazzjonijiet - daħħlet il-kliem "**il-promozzjoni ta'**" fl-introduzzjoni tal-paragrafu 1 sabiex tikkjarifika l-għan ġenerali tad-Direttiva, li ssostitwiet ukoll il-kliem "l-iffissar ta'" quddiem *livelli adegwati ta' pagi minimi* fil-paragrafu 1(a).

B'riformulazzjoni żgħira, il-Presidenza għamlitha ċara wkoll li l-Artikolu 1 paragrafu 3 fih żewġ kjarifiki: 1) li l-Istati Membri li għall-iffissar tal-paga jiddependu esklużivament fuq ftehimiet kollettivi mhumiex obbligati li jintroduċu paga minima statutorja (SMW), u 2) li l-ebda Stat Membru mhu obligat jaġġmel ftehimiet kollettivi applikabbli b'mod universali.

Drittijiet individwali

Diversi Stati Membri talbu aċċertament li din id-direttiva ma toħloqx drittijiet individwali għall-ħaddiema. Waqt li qieset ukoll is-suġġerimenti għal kjarifiki aħjar fl-opinjoni tas-SLK, il-Presidenza - f'konformità mal-Artikolu 1 tal-proposta - wieġbet għal dan billi biddlet it-titolu tad-direttiva għal "Direttiva dwar **qafas għal** pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea". Għall-istess raġuni tħassret il-kelma "ieħor" mill-klawsola standard ta' nonrigressjoni fl-Artikolu 16 paragrafu 3. Dan il-bidliet intlaqgħu minn diversi Stati Membri. Madankollu, kienu espressi talbiet għal kjarifiki ulterjuri, pereżempju fl-Artikoli 1 u 11.

Limitazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni

Fuq talba ta' żewġ Stati Membri, il-Presidenza inkludiet il-paragrafu 2 ġdid għall-Artikolu 2, li jippermetti lill-Istati Membri jeskludu l-baħħara, koperti mill-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittima 2006 kif emendata, mill-applikazzjoni ta' din id-direttiva. Waqt li dan intlaqa' tajjeb, saret ukoll talba biex f'ċerti każijiet id-direttiva ma tapplikax għal sajjeda fuq il-baħar. Diversi Stati Membri qajmu l-problema speċifika tal-impjegati taċ-ċivil, li f'ħafna Stati Membri għandhom relazzjoni ta' xogħol skont id-dritt pubbliku.

Protezzjoni tal-paga minima permezz ta' negozjar kollettiv kontra protezzjonijiet permezz ta' SMW

Diversi Stati Membri qajmu l-mistoqsija jekk il-pagi minimi nneozjati mis-sħab soċjali u li mbagħad saru applikabbli b'mod ġenerali b'att amministrattiv jitqisux bħala paga minima statutorja jew bħala pagi minimi stabbiliti b'negozjar kollettiv. Il-Presidenza wieġbet billi aġġustat id-definizzjonijiet fl-Artikolu 3 ta' "paga minima statutorja", ta' "ftehim kollettiv" u ta' "kopertura tan-negozjar kollettiv". Dan intlaqa' tajjeb mill-biċċa l-kbira tad-delegazzjonijiet.

Obbligu ta' promozzjoni tal-kopertura tan-negozjar kollettiv

Sabiex twieġeb għat-talbiet ta' ħafna delegazzjonijiet, li ġibdu l-attenzjoni lejn l-ispeċifitàjiet tas-sistemi nazzjonali tagħhom ta' negozjar kollettiv u b'mod partikolari l-importanza ta' ftehimiet kollettiv fil-livell ta' kumpanniji f'xi Stati Membri, il-Presidenza inkludiet il-kliem "**f'konformità mal-liġijiet u l-prattiki nazzjonali**" fl-introduzzjoni tal-Artikolu 4 paragrafu 1, kif ukoll il-kliem "**b'mod partikolari**" fis-sottopunt (a).

Bi tveġiba għat-talba ta' ħafna Stati Membri għal aktar ċertezza fir-rigward tal-obbligi tagħhom f'każ li ma jilhqax kopertura tan-negozjar kollettiv ta' 70 %, u għas-simplifikazzjoni tal-obbligi, ġie kkjarifikat fl-Artikolu 4 tal-paragrafu 2 li ser ikollhom bżonn biss jistabbilixxu pjan ta' azzjoni li jinkludi qafas ta' kondizzjonijiet abilitanti, li jkollu bżonn jiġi rivedut biss f'intervalli regolari ta' [x] snin, li għandhom jiġu f'fissati fid-direttiva.

Adegwatezza ta' SMW

Il-Presidenza kkjarifikat li l-għan tad-direttiva huwa l-promozzjoni tal-adeqwatezza tal-pagi minimi billi mmodifikat it-titolu fl-Artikolu 5. Bl-introduzzjoni tal-kelma "qafas" fl-Artikolu 5 paragrafu 1, il-Presidenza reġgħet issottolinjat il-fatt li din id-direttiva hija direttiva qafas.

Bi tveġiba għall-insistenza ta' ħafna Stati Membri għal aktar flessibilità, il-Presidenza żiedet kjarifika fl-Artikolu 5 paragrafu 2 li "**r-rilevanza u l-piż relattiv**" tal-kriterji f'dak il-paragrafu "**jistgħu jiġu deċiżi mill-Istati Membri f'konformità mal-kundizzjonijiet soċjoekonomiċi nazzjonali prevalenti tagħhom.**" Filwaqt li din il-bidla kienet apprezzata, ħafna delegazzjonijiet talbu lill-Presidenza tmur oltre u ma żżommx l-użu tal-erba' kriterji kollha bħala obbligatorju.

Diversi Stati Membri talbu t-tħassir tal-paragrafu 3 fl-Artikolu 5.

Varjazzjonijiet u tnaqqis

L-Artikolu 6 dwar varjazzjonijiet u tnaqqis ġie rriformulat bi tweġiba għall-kritika li l-formulazzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni "L-Istati Membri jistgħu jippermettu" ... tippresupponi li l-Unjoni għandha, l-ewwel nett, il-kompetenza li tiffissa tali rati jew remunerazzjoni u li mbagħad tkun tista' tawtorizza d-deroga minnhom lill-Istati Membri, li jmur kontra l-Artikolu 153(5) TFUE. Waqt li xi delegazzjonijiet laqgħu t-test tal-Presidenza, delegazzjonijiet oħra talbu saħansitra li t-test tal-Kummissjoni jissaħħaħ aktar u xi delegazzjonijiet oħra talbu t-tħassir tal-Artikolu kollu.

Akkwist pubbliku

L-Artikolu 9 iddedikat lill-akkwist pubbliku, li skont il-Kummissjoni kellu jkun repetizzjoni sempliċi tal-obbligi eżistenti mid-Direttivi 2014/24/EU, 2014/25/EU u 2014/23/EU, ġie kkritikat minn diversi Stati Membri bħala superfluwu, u għalhekk riduh jitħassar. Madankollu, il-Presidenza (bl-appoġġ ta' diversi delegazzjonijiet) ppreferiet timmodifika l-artikolu bil-għan li tikkjarifika l-kontenut tiegħu, speċjalment li dan l-obbligu jestendi wkoll għas-sottokuntratturi u li jikkonċerna l-obbligi relatati mal-pagi fid-Dritt tal-Unjoni, fil-liġi nazzjonali, fil-ftehimiet kollettivi u fid-dispożizzjonijiet tal-liġi internazzjonali tax-xogħol.

Obbligi ta' rappurtar tal-Istati Membri

Wara l-ewwel diskussjoni fil-livell tal-grupp ta' ħidma, maġġoranza wiesgħa ta' Stati Membri qieset li kellha bżonn iżjed elementi bil-miktub mill-Kummissjoni speċjalment informazzjoni dwar sa liema punt id-data li għandha tiġi rrapportata skont l-Artikolu 10 paragrafu 2 tkun diġà nġabret u għaldaqstant maġmula disponibbli minn, pereżempju, l-Eurostat jew Eurofound. Fit-22 ta' April 2021, il-Kummissjoni ppreżentat dokument informali b'informazzjoni aktar dettaljata (WK 5391/21), li ġie diskuss mill-membri tal-SQWP fl-4 ta' Mejju 2021. Matul dik il-laqgħa ħafna delegazzjonijiet xorta qiesu li dawn l-obbligi ta' rappurtar, u partikolarment il-firxa wiesgħa u d-diżaggregazzjoni tad-data, joħlqu piż amministrattiv sproporzjonat fuq l-Istati Membri, is-Sħab Soċjali u l-intrapriżi.

IV. KONKLUŻJONI

B'mod parallel mal-ħidma fil-livell tekniku, il-Presidenza Portugiża esplorat fil-livell politiku jekk tistax tintlaħaq maġġoranza kwalifikata għall-proposta. Hija kkonkludiet li l-fajl għadu mhux matur biżżejjed biex tinkiseb din il-maġġoranza. Għalhekk il-Presidenza li jmiss ser ikollha r-responsabbiltà li tkompli d-deliberazzjonijiet fil-Kunsill u fil-korpi preparatorji tiegħu bil-ħsieb tal-qbil dwar l-Approċċ Ġenerali.

Il-Presidenza Portugiża tqis li jeżistu raġunijiet sodi għat-tlestija tal-ħidma teknika u politika fuq dan il-fajl.

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar **qafas għal** pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 153(2), flimkien mal-punt (b) tal-Artikolu 153(1) tiegħu

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew³,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regjuni⁴,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-għanijiet tal-Unjoni huma, fost l-oħrajn, li tippromwovi l-benesseri tal-popli tagħha u li taħdem għall-iżvilupp sostenibbli tal-Ewropa bbażat fuq ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva ħafna.

³ ĠU C , , p. .

⁴ ĠU C , , p. .

- (2) L-Artikolu 31 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea⁵ jipprevedi d-dritt ta' kull ħaddiem għal kundizzjonijiet tax-xogħol li jirrispettaw is-saħħa, is-sigurtà u d-dinjità tiegħu.
- (3) Il-Karta Soċjali Ewropea tistabbilixxi li l-ħaddiema kollha għandhom id-dritt għal kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti. Hi tirrikonoxxi d-dritt tal-ħaddiema kollha għal remunerazzjoni ġusta suffiċjenti għal standard ta' għajxien deċenti għalihom u għall-familji tagħhom. L-Artikolu 4 tal-Karta jirrikonoxxi r-rwol ta' ftehimiet kollettivi konklużi liberament kif ukoll ta' mekkaniżmi ta' ffissar tal-pagi minimi statutorji, biex jiġi żgurat l-eżerċizzju effettiv ta' dan id-dritt.
- (4) Il-Kapitolu II tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ipproklammat f'Gothenburg fis-17 ta' Novembru 2017, jistabbilixxi sett ta' prinċipji biex iservu ta' gwida lejn l-iżgurar ta' kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti. Il-prinċipju Nru 6 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jafferma mill-ġdid id-dritt tal-ħaddiema għal pagi ġusti li jipprovdu standard tal-għajxien deċenti. Jipprovdi wkoll li pagi minimi adegwati għandhom ikunu żgurati, b'mod li dawn jipprovdu għas-sodisfazzjoni tal-bżonnijiet tal-ħaddiema u tal-familji tagħhom, filwaqt li jissalvagwardjaw l-aċċess għall-impjiegi u l-inċentivi li jfittxu xogħol. Barra minn dan, ifakkar li l-faqar fost min għandu xogħol għandu jiġi evitat u li l-pagi kollha għandhom jiġu ffissati b'mod trasparenti u prevedibbli u fir-rispett tal-awtonomija tas-sħab soċjali.

⁵ Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea 2012/C 326/02 ĠU C326/391 tas-26.10.2012.

- (5) Il-Linja Gwida 5 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2020/1512/UE dwar linji gwida għal-linji politiċi dwar l-impjiegi tal-Istati Membri⁶ titlob lill-Istati Membri biex jiżguraw involviment effettiv tas-sħab soċjali fl-iffissar tal-pagi, jipprovdu pagi ġusti li jippermettu standard tal-għajxien deċenti u jippermettu rispons adegwat tal-pagi għall-iżviluppi fil-produttività, bl-għan li jkun hemm konverġenza 'l fuq. Il-Linja Gwida titlob ukoll lill-Istati Membri biex jipromwovu d-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv dwar l-iffissar tal-pagi. Hi titlob ukoll lill-Istati Membri u lis-sħab soċjali biex jiżguraw li l-ħaddiema kollha jkollhom pagi adegwati u ġusti billi jibbenefikaw minn ftehimiet kollettivi jew pagi minimi statutorji adegwati, u filwaqt li jitqies l-impatt tagħhom fuq il-kompetittività, il-ħolqien tal-impjiegi u l-faqar fost dawk li jaħdmu. L-Istrateġija Annwali għat-Tkabbir Sostenibbli tal-2021⁷ tiddikjara li l-Istati Membri jenħtieġ li jadottaw miżuri biex jiżguraw kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti. Barra minn hekk, l-Istrateġija Annwali għat-Tkabbir Sostenibbli 2020⁸ fakkret li fil-kuntest ta' firdiet soċjali dejjem jikbru, hu importanti li jiġi żgurat li kull ħaddiem jaqla' paga adegwata. Inħarġu wkoll diversi Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi lil xi Stati Membri fil-qasam tal-pagi minimi. Madankollu, il-pajjiżi individwali ftit li xejn ser iħossuhom inklinati li jtejbu s-sistemi tal-iffissar tal-pagi minimi tagħhom minħabba l-perċezzjoni li dan jista' jaffettwa b'mod negattiv il-kompetittività tal-ispejjeż esterni tagħhom.
- (6) Kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien aħjar, inkluż permezz ta' pagi minimi adegwati, huma ta' benefiċċju kemm lill-ħaddiema kif ukoll lin-negozji fl-Unjoni u huma prerekwiżit biex jinkiseb tkabbir inklużiv u sostenibbli. L-indirizzar ta' differenzi kbar fil-kopertura u l-adeqwatezza tal-protezzjoni tal-paga minima jikkontribwixxi għat-titjib tal-ġustizzja tas-suq tax-xogħol tal-UE u jipromwovi progress ekonomiku u soċjali u konverġenza 'l fuq. Il-kompetizzjoni fis-Suq Uniku jenħtieġ li tkun ibbażata fuq standards soċjali għoljin, innovazzjoni u titjib fil-produttività li jiżguraw kundizzjonijiet ekwi.

⁶ Deċiżjoni tal-Kunsill 2020/1512/UE tat-13 ta' Ottubru 2020 dwar il-linji gwida għal-linji politiċi dwar l-impjiegi tal-Istati Membri (ĠU L 344, 19.10.2020, p. 22–28).

⁷ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2020) 575 final.

⁸ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2019) 650 final.

- (7) Meta jiġu ffixxati f'livelli adegwati, il-pagi minimi jipproteġu d-dħul ta' ħaddiema żvantaġġati, jgħinu biex jiġi żgurat għajxien deċenti, u jillimitaw it-tnaqqis fid-dħul matul żminijiet ħżiena, kif rikonoxxut fil-Konvenzjoni 131 tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol dwar l-istabbiliment ta' sistema għall-iffissar tal-paga minima. Il-pagi minimi jikkontribwixxu għas-sostenn tad-domanda domestika, isaħħu l-inċentivi għax-xogħol, inaqqsu l-inugwaljanzi fil-pagi u l-faqar fost dawk li jaħdmu.
- (8) Hemm probabbiltà oġhla li l-ħaddiema nisa, żgħażaġh u dawk b'livell baxx ta' ħiliet u l-persuni b'diżabilità jaqilgħu paga minima jew paga baxxa minn gruppi oħra ta' ħaddiema. F'perjodi ta' tnaqqis fir-ritmu ekonomiku, bħall-kriżi tal-COVID-19, ir-rwol tal-pagi minimi fil-protezzjoni tal-ħaddiema b'paga baxxa qed isir dejjem aktar importanti u huwa essenzjali li jiġi appoġġjat irkupru ekonomiku sostenibbli u inklużiv. L-indirizzar tal-paga minima jikkontribwixxi għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri, inaqqs id-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi u fil-pensjonijiet kif ukoll joħroġ lin-nisa mill-faqar.
- (9) Il-pandemija tal-COVID-19 qed ikollha impatt sinifikanti fuq is-settur tas-servizzi u l-kumpaniji ż-żgħar, li t-tnejn li huma għandhom sehem għoli ta' ħaddiema li jaqilgħu il-paga minima. Barra minn hekk, il-pagi minimi huma importanti wkoll fid-dawl tax-xejriet strutturali li qed isawru mill-ġdid is-swieq tax-xogħol u li huma kkaratterizzati dejjem aktar minn sehem għoli ta' xogħol mhux standard u prekarju. Dawn ix-xejriet wasslu għal żieda fil-polarizzazzjoni tal-impjiegi li tirriżulta f'sehem dejjem jikber ta' impjiegi b'paga baxxi u b'livell baxx ta' ħiliet fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, kif ukoll għal inugwaljanza akbar fil-pagi f'xi wħud minnhom.
- (10) Għalkemm il-protezzjoni tal-paga minima teżisti fl-Istati Membri kollha, f'xi wħud minnhom din il-protezzjoni ġejja minn dispożizzjonijiet leġislattivi ("pagi minimi statutorji") u permezz ta' ftehimiet kollettivi filwaqt li f'oħrajn hija pprovduta esklużivament permezz ta' ftehimiet kollettivi.
- (11) Il-protezzjoni tal-paga minima ffixxata permezz ta' ftehimiet kollettivi f'impjiegi b'paga baxxa fil-biċċa l-kbira tal-każijiet hija adegwata; il-pagi minimi statutorji huma baxxi meta mqabbla ma' pagi oħrajn fl-ekonomija f'diversi Stati Membri. Fl-2018, il-paga minima statutorja nazzjonali ma kinitx tipprovdi dħul biżżejjed għal persuna waħda b'paga minima biex tilħaq il-limitu tar-riskju ta' faqar f'disa' Stati Membri. Barra minn hekk, l-użu ta' rati

ta' paga minima mnaqqsa (varjazzjonijiet) u t-tnaqqis mill-pagi minimi statutorji jaffettwaw b'mod negattiv l-adegwatezza tagħhom.

- (12) Mhux il-ħaddiema kollha fl-Unjoni huma protetti b'pagi minimi. F'xi Stati Membri xi ħaddiema, għalkemm huma koperti, fil-prattika jirċievu remunerazzjoni taħt il-paga minima statutorja minħabba n-nuqqas ta' rispett tar-regoli eżistenti. B'mod partikolari, instab li dan in-nuqqas ta' konformità jaffettwa l-aktar lin-nisa, lill-ħaddiema żgħażaġh, lill-persuni b'diżabilità u lill-ħaddiema agrikoli. Fi Stati Membri fejn il-protezzjoni tal-paga minima hi pprovduta biss permezz ta' ftehimiet kollettivi, is-sehem tal-ħaddiema mhux koperti huwa stmat li jvarja minn 2% sa 55% tal-ħaddiema kollha.
- (13) Filwaqt li negozjar kollettiv b'saħħtu fil-livell tas-settur jew transindustrijali jikkontribwixxi biex tiġi żgurata protezzjoni adegwata tal-paga minima, f'dawn l-aħħar deċennji l-istrutturi tradizzjonali tan-negozjar kollettiv tnaqqu, parzjalment minħabba bidliet strutturali fl-ekonomija lejn setturi inqas junjonizzati u minħabba t-tnaqqis fis-sħubija fil-unions relatat maż-żieda ta' forom ta' xogħol atipiċi u ġodda.
- (14) Il-Kummissjoni kkonsultat lill-maniġment u lill-ħaddiema fi proċess f'żewġ fażijiet fir-rigward ta' azzjoni possibbli biex jiġu indirizzati l-isfidi relatati mal-protezzjoni ta' pagi minimi adegwati fl-Unjoni, skont l-Artikolu 154 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Ma kien hemm ebda ftehim bejn is-sħab soċjali biex jidħlu f'negozjati fir-rigward ta' dawn il-kwistjonijiet. Madankollu, hu importanti li tittieħed azzjoni fil-livell tal-Unjoni biex jiġi żgurat li l-ħaddiema fl-Unjoni jkunu protetti b'pagi minimi adegwati, filwaqt li jitqiesu l-eżiti tal-konsultazzjoni tas-sħab soċjali.
- (15) Din id-dispożizzjoni tistabbilixxi rekwiżiti minimi fil-livell tal-Unjoni biex jiġi żgurat kemm li l-pagi minimi jiġu stabbiliti f'livell adegwat u kif ukoll li l-ħaddiema jkollhom aċċess għall-protezzjoni tal-paga minima, fil-forma ta' paga minima statutorja jew fil-forma ta' pagi ffixxati permezz ta' ftehimiet kollettivi kif iddefinit għall-finijiet ta' din id-Direttiva.

- (16) B'rispett sħiħ tal-Artikolu 153(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, din id-Direttiva la għandha l-għan li tarmonizza l-livell tal-pagi minimi fl-Unjoni kollha u lanqas li tistabbilixxi mekkaniżmu uniformi għall-iffissar tal-pagi minimi. Hi ma tintferixx mal-libertà tal-Istati Membri li jiffissaw pagi minimi statutorji jew jippromwovu l-aċċess għall-protezzjoni tal-paga minima pprovduta permezz ta' ftehimiet kollettivi, skont it-tradizzjonijiet u l-ispeċifitàjiet ta' kull pajjiż u b'rispett sħiħ tal-kompetenzi nazzjonali u l-libertà kuntrattwali tas-sħab soċjali. Din id-Direttiva ma timponix obbligu fuq l-Istati Membri fejn il-protezzjoni tal-paga minima hija żgurata esklużivament permezz ta' ftehimiet kollettivi biex jintroduċu paga minima statutorja u lanqas biex jagħmlu l-ftehimiet kollettivi applikabbli b'mod universali. Ukoll, din id-Direttiva ma tistabbilixxix il-livell tal-paga, li jaqa' fi ħdan il-libertà kuntrattwali tas-sħab soċjali fil-livell nazzjonali u fi ħdan il-kompetenza rilevanti tal-Istati Membri.
- (17) Din id-Direttiva jenħtieġ li tapplika għall-ħaddiema li għandhom kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' impjieg kif definit mil-liġi, minn ftehimiet kollettivi jew minn prattika fis-seħħ f'kull Stat Membru, billi jiġu kkunsidrati l-kriterji stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għad-determinazzjoni tal-istatus ta' ħaddiem. Diment li jissodisfaw dawn il-kriterji, il-ħaddiema domestiċi, il-ħaddiema fuq talba, il-ħaddiema intermittenti, il-ħaddiema li jitħallsu bil-vawċers, il-ħaddiema b'impjieg indipendenti fittizju, il-ħaddiema tal-pjattaformi, it-trainees u l-apprendisti jistgħu jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva. **Minħabba l-ispeċifitàjiet tal-kondizzjonijiet tal-impjieg tal-baħħara, b'mod partikolari d-determinazzjoni tal-pagi minimi f'konformità mal-proċeduri stabbiliti fil-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu, 2006, kif emendata, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jiddeċidu li jeskludi din il-kategorija ta' ħaddiema minn din id-Direttiva.**

- (17a-ġdid)** Il-persuni li ġenwinament jaħdmu għal rashom ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva peress li ma jissodisfawx dawk il-kriterji. L-abbuż tal-istatus ta' persuni li jaħdmu għal rashom, kif definit fil-liġi nazzjonali, sew fil-livell nazzjonali jew f'sitwazzjonijiet transkonfinali, huwa forma ta' xogħol iddikjarat b'mod falz li sikwit ikun assoċjat ma' xogħol mhux iddikjarat. Impjeg independenti fittizju jseħħ meta persuna tkun iddikjarata bħala impjegata għal rasha filwaqt li tissodisfa l-kundizzjonijiet li jikkarakterizzaw relazzjoni ta' impjeg, sabiex jiġu evitati ċerti obbligi legali jew fiskali. Dawn il-persuni jenħtieġ jiġu koperti mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Id-determinazzjoni tal-eżistenza ta' relazzjoni ta' impjeg jenħtieġ li tkun iggwidata mill-fatti relatati mat-twettiq effettiv tax-xogħol u mhux mid-deskrizzjoni mill-partijiet tar-relazzjoni.
- (18) Negożjar kollettiv dwar l-iffissar tal-pagi li jiffunzjona tajjeb huwa mezz importanti biex jiġi żgurat li l-ħaddiema jkunu protetti b'pagi minimi adegwati. Fl-Istati Membri b'pagi minimi statutorji, in-negożjar kollettiv jappoġġa l-iżviluppi ġenerali fil-pagi u għalhekk jikkontribwixxi għat-titjib tal-adeqwatezza tal-pagi minimi. Fl-Istati Membri fejn il-protezzjoni tal-paga minima hija pprovduta esklużivament permezz ta' negożjar kollettiv, il-livell tagħha kif ukoll is-sehem ta' ħaddiema protetti huma determinati direttament mill-funzjonament tas-sistema ta' negożjar kollettiv u l-kopertura tan-negożjar kollettiv. Negożjar kollettiv b'saħħtu u li jiffunzjona tajjeb flimkien ma' kopertura għolja ta' ftehimiet kollettivi settorjali jew transindustrijali jsaħħu l-adeqwatezza u l-kopertura tal-pagi minimi.

- (19) F'kuntest ta' tnaqqis fil-kopertura tan-negozjar kollettivi, hu essenzjali li l-Istati Membri jippromwovu n-negozjar kollettivi biex jittejjeb l-aċċess tal-ħaddiema għall-protezzjoni tal-paga minima pprovduta permezz ta' ftehimiet kollettivi. Stati Membri b'kopertura għolja ta' negozjar kollettivi għandhom it-tendenza li jkollhom sehem baxx ta' ħaddiema b'paga baxxi u għandhom pagi minimi għoljin. Stati Membri b'sehem żgħir ta' dawk li jaqilgħu paga baxxa għandhom rata ta' kopertura ta' negozjar 'il fuq minn 70%. Bl-istess mod, il-maġġoranza tal-Istati Membri b'livelli għoljin ta' pagi minimi meta mqabbla mal-paga medjana għandhom kopertura ta' negozjar kollettivi ta' aktar minn 70%. Għalkemm l-Istati Membri kollha għandhom jiġu mħeġġa jippromwovu l-ftehim kollettivi, dawk li ma jilħqux dan il-livell ta' kopertura, f'konsultazzjoni u/jew bi ftehim mas-sħab soċjali, għandhom jipprevedu jew, fejn diġà jeżisti, isaħħu qafas ta' proċeduri faċilitattivi u arranġamenti istituzzjonali li jippermettu l-kundizzjonijiet għal ftehim kollettivi. Tali qafas għandu jiġi stabbilit bil-liġi jew bi ftehim bejn tliet partijiet.
- (20) Hemm bżonn ta' regoli, proċeduri u prattiki soda għall-iffissar u l-aġġornament tal-pagi minimi statutorji, **inkluż permezz tal-indiċizzar awtomatiku**, biex ikunu pprovduti pagi minimi adegwati, filwaqt li jiġu salvagwardjati l-impjiegi u l-kompetittività tal-kumpanniji inkluż l-intrapriżi żgħar u medji. Huma jinkludu għadd ta' elementi biex jippreservaw l-adeqwatezza tal-pagi minimi statutorji, inkluż kriterji u indikaturi għall-valutazzjoni tal-adeqwatezza, aġġornamenti regolari u f'waqthom, l-eżistenza ta' korpi konsultattivi u l-involviment ta' sħab soċjali. Involviment f'waqtu u effettiv ta' dawn tal-aħħar hu element ieħor ta' governanza tajba li jippermetti proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet infurmat u inklużiv.

- (21) Il-pagi minimi huma meqjusin bħala adegwati jekk ikunu ġusti fir-rigward tad-distribuzzjoni tal-pagi fil-pajjiż u jekk jipprovdu standard ta' għajxien deċenti. L-adegwatezza tal-pagi minimi statutorji hija ddeterminata fid-dawl tal-kundizzjonijiet soċjoekonomiċi nazzjonali, inkluż it-tkabbir fl-impjiegi, il-kompetittività kif ukoll l-iżviluppi reġjonali u settorjali. L-adegwatezza tagħhom jenħtieġ li tiġi vvalutata tal-inqas fir-rigward tal-kapaċità tal-akkwist tagħhom, tal-iżviluppi fil-produttività u r-relazzjoni tagħhom mal-livelli tal-paga grossa, id-distribuzzjoni u t-tkabbir. L-użu ta' indikaturi użati b'mod komuni fil-livell internazzjonali, bħal 60% tal-paga medjana grossa u 50% tal-paga medja grossa, jistgħu jgħinu biex jiggwidaw il-valutazzjoni tal-adegwatezza tal-paga minima fir-rigward tal-livell tal-pagi grossi.
- (22) Biex tiġi promossa l-adegwatezza tal-pagi minimi għall-gruppi kollha ta' ħaddiema, il-varjazzjonijiet u t-tnaqqis mill-pagi minimi statutorji jenħtieġ li jiġu limitati għal livell minimu, filwaqt li jiġi żgurat li s-sħab soċjali jiġu kkonsultati kif xieraq fid-definizzjoni tagħhom. Xi tnaqqis fil-pagi minimi statutorji jista' jkun ġustifikat b'għan leġittimu, inkluż ammonti sopravvalutati mħallsa jew tnaqqis ordnat minn awtorità ġudizzjarja. Tnaqqis ieħor, bħal dak relatat mat-tagħmir meħtieġ biex jitwettaq impjieg jew tnaqqis ta' allowances in natura, bħall-akkomodazzjoni, jista' ma jkunx ġustifikat jew ikun sproporzjonat.
- (23) Sistema effettiva ta' infurzar, inkluż kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post, hi neċessarja biex tiżgura l-funzjonament tal-oqfsa nazzjonali tal-paga minima statutorja. Biex tissaħħaħ l-effettività tal-awtoritajiet tal-infurzar, hi meħtieġa wkoll kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab soċjali, inkluż biex jiġu indirizzati sfidi kritiċi bħal dawk relatati mas-sottokuntrattar, il-ħaddiema b'impjieg indipendenti fittizju jew is-sahra mhux irreġistrata. Barra minn hekk, il-ħaddiema jenħtieġ li jkollhom aċċess faċli għal informazzjoni xierqa dwar il-pagi minimi statutorji applikabbli biex jiġi żgurat livell adegwat ta' trasparenza u prevedibbiltà fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom.

- (24) L-implimentazzjoni effettiva tal-protezzjoni tal-paga minima ffissata permezz ta' dispożizzjonijiet legali jew ipprovduta permezz ta' ftehimiet kollettivi hija essenzjali fit-twettiq tal-kuntratti ta' akkwist pubbliku u ta' konċessjoni. In-nuqqas ta' rispett tal-ftehimiet kollettivi li jipprovdu l-protezzjoni tal-paga minima f'settur speċifiku jista' tabilħaqq iseħħ fl-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti jew fil-katina tas-sottokuntrattar minn hemm 'il quddiem, li jirriżulta f'ħaddiem li jitħallsu inqas mil-livell ta' paga miftiehem fil-ftehimiet kollettivi. Biex jiġu evitati sitwazzjonijiet bħal dawn, l-operaturi ekonomiċi jridu japplikaw għall-ħaddiem tagħhom il-pagi ffissati permezz tal-ftehimiet kollettivi għas-settur u għaż-żona ġeografika rilevanti biex jikkonformaw ma' obbligi applikabbli fil-qasam tal-liġi tax-xogħol, skont l-Artikoli 18(2) u 71(1) tad-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-akkwist pubbliku⁹, l-Artikoli 36(2) u 88(1) tad-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁰ dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, tal-enerġija, tat-trasport u postali u l-Artikoli 30(3) u 42(1) tad-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹¹ dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni.
- (25) Monitoraġġ affidabbli u l-ġbir tad-data huma kruċjali biex tiġi żgurata protezzjoni effettiva tal-pagi minimi. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tirrapporta kull sena lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill il-valutazzjoni tagħha tal-iżviluppi fl-adeqwatezza u l-kopertura tal-protezzjoni tal-paga minima abbażi tad-data annwali u l-informazzjoni li għandhom jiġu pprovduti mill-Istati Membri. Barra minn dan, il-progress jenħtieġ li jiġi mmonitorjat fil-qafas tal-proċess tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika u tal-impjiegi fil-livell tal-Unjoni. F'dak il-kontest, il-Kumitat tal-Impjiegi jenħtieġ li jeżamina kull sena s-sitwazzjoni fl-Istati Membri abbażi tar-rapporti prodotti mill-Kummissjoni u għodod oħra ta' sorveljanza multilaterali bħall-valutazzjoni komparattiva.

⁹ Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65).

¹⁰ Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243).

¹¹ Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 1).

- (26) Il-ħaddiema jenħtieġ li jkunu f'pożizzjoni li jeżerċitaw id-drittijiet tad-difiża tagħhom meta jinkisru d-drittijiet tagħhom relatati mal-protezzjoni tal-paga minima stabbilita. Sabiex jiġi evitat li l-ħaddiema jiġu mċaħħda mid-drittijiet tagħhom, u mingħajr preġudizzju għal forom speċifiċi ta' rimedju u soluzzjoni tat-tilwim previsti fil-ftehimiet kollettivi, inkluż sistemi ta' soluzzjoni tat-tilwim kollettivi, l-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li jkollhom aċċess għal soluzzjoni tat-tilwim effettiva u imparzjali u dritt għal rimedju, inkluż għal kumpens adegwat, kif ukoll protezzjoni effettiva minn kwalunkwe forma ta' detriment f'każ li jiddeċiedu li jeżerċitaw id-drittijiet tad-difiża tagħhom.
- (27) Il-Kummissjoni jenħtieġ li twettaq evalwazzjoni li tipprovdi l-bażi għal rieżami dwar l-implimentazzjoni effettiva ta' din id-Direttiva. Il-Kunsill u l-Parlament Ewropew jenħtieġ li jiġu infurmati bir-riżultati ta' tali rieżami.
- (28) Ir-riformi u l-miżuri adottati mill-Istati Membri biex jippromwovu protezzjoni adegwata tal-paga minima tal-ħaddiema, filwaqt li huma passi fid-direzzjoni t-tajba, ma kinux komprensivi u sistematiċi. Barra minn hekk, il-pajjiżi individwali f'it li xejn ser iħossuhom inklinati li jtejbu l-adeqwatezza u l-kopertura tal-pagi minimi minħabba l-perċezzjoni li dan jista' jaffettwa b'mod negattiv il-kompetittività tal-ispejjeż esterni tagħhom. Minħabba li l-għanijiet ta' din id-Direttiva ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jistgħu, minħabba l-iskala jew l-effetti tagħhom, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit fl-istess Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-għanijiet.

- (29) Din id-Direttiva tistabbilixxi rekwiżiti minimi, u għalhekk tħalli l-prerogattiva tal-Istati Membri sabiex jintroduċu u jżommu dispożizzjonijiet iktar favorevoli l-istess. Id-drittijiet akkwistati skont il-qafas legali nazzjonali eżistenti jenħtiegħ li jkomplu japplikaw, diment li ma jkunux introdotti dispożizzjonijiet aktar favorevoli minn din id-Direttiva. L-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva ma tistax tintuża biex jitnaqqsu d-drittijiet eżistenti għall-ħaddiema, u lanqas ma tista' tikkostitwixxi raġunijiet validi għat-tnaqqis tal-livell ġenerali ta' protezzjoni mogħtija lill-ħaddiema fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.
- (30) Fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva l-Istati Membri jenħtiegħ li jevitaw li jimponu restrizzjonijiet amministrattivi, finanzjarji u legali b'tali mod li jżommu lura l-ħolqien u l-iżvilupp tal-mikrointrapriżi, dawk żgħar u medji. L-Istati Membri huma għalhekk mistiedna jevalwaw l-impatt tal-att ta' traspożizzjoni tagħhom fuq l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju biex jiżguraw li dawn ma jiġux affettwati b'mod sproporzjonat, filwaqt li tingħata attenzjoni speċifika lill-mikrointrapriżi u lill-piż amministrattivi, u jipubblikaw ir-riżultati ta' dawn il-valutazzjonijiet. Jekk jinstab li l-mikrointrapriżi, l-intrapriżi żgħar u medji huma affettwati b'mod sproporzjonat, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw li jintroduċu miżuri biex jappoġġjaw lil dawn l-intrapriżi biex jaġġustaw l-istrutturi ta' remunerazzjoni tagħhom għar-rekwiżiti l-ġodda.
- (31) L-Istrument ta' Appoġġ Tekniku¹² u l-Fond Soċjali Ewropew Plus¹³ huma disponibbli għall-Istati Membri biex jiżviluppaw jew itejbu l-aspetti tekniċi tal-oqfsa tal-paga minima, inkluż dwar il-valutazzjoni tal-adegwatezza, il-monitoraġġ u l-ġbir ta' data, it-twessigħ tal-aċċess, kif ukoll dwar l-infurzar u t-tiżiħ tal-kapaċitajiet ġenerali relatati mal-implimentazzjoni tal-oqfsa msemmija.

¹² *Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Mejju 2020 dwar l-istabbiliment tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku, (COM (2020) 409 final)*

¹³ *Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Soċjali Ewropew Plus, COM/2018/ 382 final.*

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett

1. Bil-ġhan li jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-ġhajxien fl-Unjoni, din id-Direttiva tistabbilixxi qafas ġhal **promozzjoni ta'**:
 - (a) [...] livelli adegwati ta' pagi minimi;
 - (b) l-aċċess tal-ħaddiema ġhall-protezzjoni tal-paga minima, fil-forma ta' pagi ffixsati permezz ta' ftehimiet kollettivi jew fil-forma ta' paga minima statutorja fejn din teżisti.
- 1a(ġdid).** Din id-Direttiva ġħandha tkun mingħajr preġudizzju ġhar-rispett sħiħ tal-awtonomija tas-sħab soċjali, kif ukoll ġhad-dritt tagħhom li jinnegozjaw u jikkonkludu ftehimiet kollettivi.
2. Din id-Direttiva ġħandha tkun mingħajr preġudizzju ġhall-ġhażla tal-Istati Membri li jiffissaw pagi minimi statutorji jew jippromwovu l-aċċess ġhall-protezzjoni tal-paga minima pprovduta permezz ta' ftehimiet kollettivi.
3. Xejn f'din id-Direttiva ma ġhandu jinftiehem li jimponi obbligu
 - (a) fuq l-Istati Membri fejn l-iffissar tal-paga huwa żġurat esklużivament permezz ta' ftehimiet kollettivi biex jintroduċu paga minima statutorja,
 - (b) fuq Stat Membru biex jaġħmel il-ftehimiet kollettivi applikabbli b'mod universali.

Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni

1. Din id-Direttiva tapplika għall-ħaddiema fl-Unjoni li għandhom kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' impjieg kif definit mil-liġi, mill-ftehimiet kollettivi jew mill-prattika fis-seħħ f'kull Stat Membru, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.
- 2.(ġdid) **L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx din id-Direttiva għall-baħħara li l-pagi minimi tagħhom huma ddeterminati bil-proċeduri stabbiliti fil-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu, 2006, kif emendata.**

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "paga minima" tfisser ir-remunerazzjoni minima li impjegatur hu mitlub iħallas lill-ħaddiema għax-xogħol imwettaq matul perjodu partikolari, ikkalkulata fuq il-bażi ta' żmien jew ta' output;
- (2) "paga minima statutorja" tfisser paga minima stabbilita mil-liġi, jew minn dispożizzjonijiet legali vinkolanti oħra, **bl-esklużjoni ta' dawk stabbiliti minn ftehim kollettiv li jsir applikabbli b'mod universali;**

- (3) “negozjar kollettiv” tfisser in-negozjati kollha li jsiru bejn impjegatur, grupp ta’ impjegaturi jew organizzazzjoni tal-impjegaturi waħda jew aktar, fuq naħa waħda, u organizzazzjoni tal-ħaddiema waħda jew aktar, fuq in-naħa l-oħra, biex jiġu ddeterminati l-kundizzjonijiet tax-xogħol u t-termini tal-impjieg; u/jew ir-regolamentazzjoni tar-relazzjonijiet bejn l-impjegaturi u l-ħaddiema; u/jew ir-regolamentazzjoni tar-relazzjonijiet bejn l-impjegaturi jew l-organizzazzjonijiet tagħhom u organizzazzjoni jew organizzazzjonijiet tal-ħaddiema, **magħmula bl-intenzjoni li jirriżultaw fi ftehim kollettiv**;
- (4) "ftehim kollettiv" tfisser il-ftehimiet kollha bil-miktub rigward il-kundizzjonijiet tax-xogħol u t-termini tal-impjieg konklużi mis-sħab soċjali bħala riżultat ta’ negozjar kollettiv, **inkluż dawk maħsuba li jsiru applikabbli b'mod universali**;
- (5) “kopertura tan-negozjar kollettiv” tfisser is-sehem ta’ ħaddiema fil-livell nazzjonali li għalihom japplika ftehim kollettiv; **għall-fini tal-kalkolu tal-kopertura tan-negozjar kollettiv, l-Istati Membri għandhom iqisu:**
- a) **il-kategoriji tal-ħaddiema li l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom, inkluż il-pagi, jistgħu jiġu rregolati minn ftehimiet kollettivi f'konformità mal-liġijiet u l-prattiki nazzjonali;**
 - b) **il-ftehimiet kollettivi kollha, inkluż dawk li ma għandhomx effett fuq il-pagi.**

Artikolu 4

Promozzjoni ta' negozjar kollettiv dwar l-iffissar tal-pagi

1. Bl-għan li tizzied il-kopertura tan-negozjar kollettiv **u sabiex jissaħħaħ l-aċċess għall-ħaddiema għall-protezzjoni tal-paga minima prevista mill-ftehimiet kollettivi**, l-Istati Membri, f'konsultazzjoni mas-sħab soċjali **u f'konformità mal-liġijiet u l-prattiki nazzjonali**, għandhom jieħdu tal-inqas il-miżuri li ġejjin:
 - (a) jippromwovu l-bini u t-tisħiħ tal-kapaċità tas-sħab soċjali biex jinvolvu ruħhom f'negozjar kollettiv dwar l-iffissar tal-pagi **b'mod partikolari** fil-livell settorjali jew transindustrijali;
 - (b) jinkoraġġixxu negozjati kostruttivi, sinifikanti u infurmati dwar il-pagi fost is-sħab soċjali.
2. L-Istati Membri fejn il-kopertura tan-negozjar kollettiv hi inqas minn 70 % [...] għandhom barra minn hekk **jistabilixxu pjan ta' azzjoni biex jippromwovu n-negozjar kollettiv, li għandu jinkludi** qafas li jippermetti l-kondizzjonijiet għan-negozjar kollettiv [...], jew bil-liġi wara konsultazzjoni tas-sħab soċjali jew bi ftehim magħhom. [...] Il-pjan ta' azzjoni għandu jsir pubbliku u għandu jiġi nnotifikat lill-Kummissjoni Ewropea [x] **xhur wara l-perijodu ta' traspożizzjoni kif stipulat fl-Artikolu 17 paragrafu 1. Il-pjan ta' azzjoni għandu jiġi rivedut [x] snin wara n-notifika tiegħu.**

KAPITOLU II

PAGI MINIMI STATUTORJI

Artikolu 5

Il-promozzjoni tal-adeqwatezza tal-pagi minimi statutorji

1. L-Istati Membri b'pagi minimi statutorji għandhom **jistabbilixxu l-qafas** neċessarju [...] **għall**-iffissar u l-aġġornament tal-pagi minimi statutorji. **Tali stabbiliment u aġġornament għandhom ikunu** ggwidati minn kriterji stabbiliti biex jipromwovu u jiksbu kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien deċenti, il-koeżjoni soċjali u l-konverġenza 'l fuq. L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu dawn il-kriterji skont il-prattiki nazzjonali tagħhom, jew fil-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti, fid-deċiżjonijiet tal-korpi kompetenti jew fi ftehimiet bejn tliet partijiet. Il-kriterji għandhom jiġu definiti b'mod stabbli u ċar.
2. Il-kriterji nazzjonali msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu mill-inqas l-elementi li ġejjin, **li r-rilevanza u l-piż relattiv tagħhom jistgħu jiġu deċiżi mill-Istati Membri f'konformità mal-kundizzjonijiet soċjoekonomiċi nazzjonali prevalenti tagħhom:**
 - (a) il-kapaċità tal-akkwist tal-pagi minimi statutorji, filwaqt li jitqiesu l-għoli tal-ħajja u l-kontribuzzjoni tat-taxxi u l-benefiċċji soċjali;

il-livell ġenerali tal-pagi grossi u d-distribuzzjoni tagħhom;
 - (c) ir-rata ta' tkabbir tal-pagi grossi;
 - (d) [...] **il-livelli u l-iżviluppi tal-produttività.**

3. L-Istati Membri għandhom jużaw valuri ta' referenza indikattivi biex jiggwidaw il-valutazzjoni tal-adeqwatezza tal-pagi minimi statutorji fir-rigward tal-livell ġenerali tal-pagi grossi, b'hal dawk użati b'mod komuni fil-livell internazzjonali.
4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw l-aġġornamenti regolari u f'waqthom tal-pagi minimi statutorji sabiex **jibqgħu jippromwovu** l-adeqwatezza tagħhom.
5. L-Istati Membri għandhom **jiżguraw li jiġu stabbiliti** korpi konsultattivi biex jagħtu pariri lill-awtoritajiet kompetenti dwar kwistjonijiet relatati mal-pagi minimi statutorji.

Artikolu 6

Varjazzjonijiet u tnaqqis

Fejn l-Istati Membri jippermettu rati differenti tal-paga minima statutorja għal gruppi speċifiċi ta' ħaddiema jew għal tnaqqis bil-liġi li jnaqqas ir-remunerazzjoni mħallsa għal livell inqas mill-paga minima statutorja rilevanti, huma għandhom jiżguraw li dawn il-varjazzjonijiet u t-tnaqqis ikunu nondiskriminatorji, proporzjonati u ġġustifikati minn għan leġittimu.

Artikolu 7

Involviment tas-sħab soċjali fl-iffissar u l-aġġornament tal-paga minima statutorja

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex **jippermettu l-involviment** tas-sħab soċjali [...] b'mod f'waqtu u effettiv fl-iffissar u l-aġġornament tal-paga minima statutorja, inkluż permezz tal-parteċipazzjoni f'korpi konsultattivi msemmija fl-Artikolu 5(5) u b'mod partikolari fir-rigward ta':

- (a) l-għażla u l-applikazzjoni tal-kriterji u l-valuri ta' referenza indikattivi msemmija fl-Artikolu 5 (1) (2) u (3) għad-determinazzjoni tal-livelli tal-paga minima statutorja;
- (b) l-aġġornamenti tal-livelli tal-paga minima statutorja msemmija fl-Artikolu 5(4);

- (c) l-istabbiliment ta' varjazzjonijiet u tnaqqis fil-pagi minimi statutorji msemmija fl-Artikolu 6;
- (d) **deċiżjonijiet dwar** il-ġbir tad-data u t-twettiq ta' studji għall-informazzjoni tal-awtoritajiet li jiffissaw il-paga minima statutorja;

Artikolu 8

Aċċess effettiv tal-ħaddiema għal pagi minimi statutorji

L-Istati Membri, f'**konsultazzjoni jew** f'kooperazzjoni mas-sħab soċjali, għandhom jieħdu l-miżuri li ġejjin **fejn xieraq**, biex itejbu l-aċċess tal-ħaddiema għall-protezzjoni tal-paga minima statutorja[...]:

- (1) isaħħu l-kontrolli u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-ispettorat tax-xogħol jew il-korpi responsabbli għall-infurzar tal-pagi minimi statutorji; **dawk** il-kontrolli u l-ispezzjonijiet għandhom ikunu proporzjonati u nondiskriminatorji;
- (2) jiżviluppaw gwida għall-awtoritajiet tal-infurzar biex jimmiraw b'mod proattiv **impjegaturi** mhux konformi;
- (3) jiżguraw li l-informazzjoni dwar il-pagi minimi statutorji tkun disponibbli għall-pubbliku b'mod **komprensiv**, ċar [...] u faċilment aċċessibbli.

KAPITOLU III

DISPOŻIZZJONIJIET ORIZZONTALI

Artikolu 9

Akkwist pubbliku

Skont id-Direttiva 2014/24/UE, id-Direttiva 2014/25/UE u d-Direttiva 2014/23/UE, l-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jiżguraw li fit-tweqqiq tal-kuntratti ta' akkwist pubbliku jew ta' kuntratti ta' konċessjoni l-operaturi ekonomiċi, **u s-sottokuntratturi tagħhom**, jikkonformaw mal-**obbligi applikabbli rigward il-pagi fil-qasam tal-liġi tax-xogħol stabbilita mid-dritt tal-Unjoni, il-liġi nazzjonali**, il-ftehimiet kollettivi **jew id-dispożizzjonijiet tal-liġi internazzjonali tax-xogħol [...]**.

Artikolu 10

Monitoraġġ u ġbir ta' data

1. L-Istati Membri għandhom jagħtu l-kompitu lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom biex jiżviluppaw għodod effettivi għall-ġbir tad-data biex jimmonitorjaw il-kopertura u l-adegwatezza tal-pagi minimi.
2. L-Istati Membri għandhom jirrappurtaw lill-Kummissjoni fuq bażi annwali, qabel l-1 ta' Ottubru ta' kull sena, id-data li ġejja:
 - (a) għall-pagi minimi statutorji:
 - (i) il-livell tal-paga minima statutorja u s-sehem tal-ħaddiema koperti biha;

- (ii) il-varjazzjonijiet eżistenti u s-sehem tal-ħaddiema koperti bihom;
 - (iii) it-tnaqqis eżistenti;
 - (iv) ir-rata ta' kopertura ta' negozjar kollettiv.
- (b) għall-protezzjoni tal-paga minima pprovduta biss permezz ta' ftehimiet kollettivi:
- (i) id-distribuzzjoni f' deċili ta' tali pagi ponderata mis-sehem ta' ħaddiema koperti;
 - (ii) ir-rata ta' kopertura ta' negozjar kollettiv;
 - (iii) il-livell tal-pagi għall-ħaddiema li ma għandhomx protezzjoni tal-paga minima pprovduta permezz ta' ftehimiet kollettivi u r-relazzjoni tagħha mal-livell tal-pagi ta' ħaddiema li għandhom tali protezzjoni minima.

L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-istatistika u l-informazzjoni msemmija f'dan il-paragrafu diżaggregata skont il-ġeneru, l-età, id-diżabilità, id-daqs tal-kumpannija u s-settur.

L-ewwel rapport għandu jkopri s-snin [*X, Y, Z: it-tliet snin qabel is-sena tat-traspożizzjoni*] u għandhom jitwasslu sa [*l-1 ta' Ottubru YY: sena wara t-traspożizzjoni*]. L-Istati Membri jistgħu jħallu barra statistika u informazzjoni li ma tkunx disponibbli qabel [*id-data tat-traspożizzjoni*].

Il-Kummissjoni tista' titlob lill-Istati Membri biex jiprovdu aktar informazzjoni fuq bażi ta' każ b'każ fejn tqis li tali informazzjoni tkun neċessarja għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni effettiva tad-Direttiva.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni dwar il-protezzjoni tal-paga minima, inkluż il-ftehimiet kollettivi u d-dispożizzjonijiet dwar il-pagi fihom, tkun trasparenti u aċċessibbli għall-pubbliku.

4. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta d-data trażmessa mill-Istati Membri fir-rapporti msemmija fil-paragrafu 2, u għandha tirrapporta kull sena lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
5. Abbażi tar-rapport maħruġ mill-Kummissjoni, il-Kumitat tal-Impjiegi stabbilit skont l-Artikolu 150 TFUE għandu jwettaq kull sena eżami tal-promozzjoni tan-negozjar kollettivi dwar l-iffissar tal-pagi u tal-adegwatezza tal-pagi minimi fl-Istati Membri.

Artikolu 11

Dritt għal rimedju u protezzjoni kontra trattament jew konsegwenzi negattivi

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, mingħajr preġudizzju għal forom speċifiċi ta' rimedju u soluzzjoni tat-tilwim previsti, fejn applikabbli, fi ftehimiet kollettivi, il-ħaddiema, inkluż dawk li r-relazzjoni ta' impjieg tagħhom tkun intemmet, ikollhom aċċess għal soluzzjoni tat-tilwim effettiva u imparzjali u dritt għal rimedju, inkluż kumpens adegwat, fil-każ ta' ksur tad-drittijiet tagħhom relatati mal-pagi minimi statutorji jew mal-protezzjoni tal-paga minima pprovduta minn ftehimiet kollettivi.
2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiproteġu lill-ħaddiema, inkluż dawk li huma rappreżentanti tal-ħaddiema, minn kwalunkwe trattament negattiv mill-impjegatur u minn kwalunkwe konsegwenza negattiva li tirriżulta minn ilment imressaq quddiem l-impjegatur jew li tirriżulta minn kwalunkwe proċediment mibdi bil-għan li tiġi infurzata l-konformità mad-drittijiet relatati mal-pagi minimi statutorji jew mal-protezzjoni tal-paga minima pprovduti minn ftehimiet kollettivi.

Artikolu 12

Penali

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur ta' dispożizzjonijiet nazzjonali **adottati skont din id-Direttiva jew dispożizzjonijiet rispettivi diġà fis-seħħ**. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

KAPITOLU IV

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 13

Implimentazzjoni

L-Istati Membri jistgħu jafdaw lis-sħab soċjali bl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, meta s-sħab soċjali flimkien jitolbu li jagħmlu dan. Meta jagħmlu dan, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi neċessarji kollha biex jiżguraw li l-**obbligi stabbiliti** b'din id-Direttiva **huma rispettati** f'kull mument.

Artikolu 14

Tixrid ta' informazzjoni

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri nazzjonali li jittrasponu din id-Direttiva, flimkien mad-dispożizzjonijiet rilevanti diġà fis-seħħ relatati mas-suġġett kif stabbilit fl-Artikolu 1, jinġiebu għall-attenzjoni tal-ħaddiema u l-impjegaturi, inkluż l-SMEs.

Artikolu 15

Evalwazzjoni u rieżami

Il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni tad-Direttiva sa [*ħames snin wara d-data tat-traspożizzjoni*]. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jagħmel rieżami tal-implimentazzjoni tad-Direttiva u tipproponi, fejn xieraq, emendi leġiżlattivi.

Artikolu 16

Nonrigressjoni u dispożizzjonijiet aktar favorevoli

1. Din id-Direttiva ma għandhiex tikkostitwixxi raġuni valida għat-tnaqqis tal-livell ġenerali ta' protezzjoni diġà mogħti lill-ħaddiema fl-Istati Membri.
2. Din id-Direttiva ma għandhiex taffettwa l-prerogattiva tal-Istati Membri li japplikaw jew li jintroduċu liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi li huma aktar favorevoli għall-ħaddiema jew li jinkoraġġixxu jew jippermettu l-applikazzjoni ta' ftehimiet kollettivi li huma aktar favorevoli għall-ħaddiema.
3. Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe dritt [...] mogħti lill-ħaddiema b'atti legali oħra tal-Unjoni.

Artikolu 17

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa [*sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ*]. Huma għandhom minnufih jgħarrfu lill-Kummissjoni f'dak ir-rigward.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, dawn għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati mit-tali referenza waqt il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabilixxu kif għandha ssir referenza bħal din.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

Artikolu 18

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 19

Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

Sommarju tal-Presidenza tal-evalwazzjoni tal-Valutazzjoni tal-Impatt

Il-biċċa l-kbira tad-delegazzjonijiet isibu li l-**kuntest politiku** huwa spjegat tajjeb, għalkemm iqisu li l-**bażi ġuridika** jew hija spjegata biss parzjalment jew mhix spjegata biżżejjed. Kważi l-Istati Membri kollha jilqgħu u qed jistennew l-opinjoni legali tas-Servizz Legali tal-Kunsill f'dan ir-rigward. Ħafna Stati Membri kienu jixtiequ jaraw kjarifiki ulterjuri dwar il-bażi ġuridika magħżula (l-Artikolu 153(1)(b) TFUE) u dwar il-limitazzjonijiet tal-azzjoni tal-Unjoni stipulati fl-Artikolu 153(5) TFUE.

Il-valutazzjoni dwar kemm id-**definizzjoni tal-problema** hija sħiħa tvarja minn delegazzjoni għal oħra. Il-maġġoranza tat-tweġibiet jaqblu li l-Valutazzjoni tal-Impatt **tirrikonoxxi l-lakuni eżistenti** fl-evidenza. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jqisu li **l-problemi u l-muturi sottostanti** huma, mill-anqas parzjalment, muriġa ċar u sostnuti mill-evidenza. Xi Stati Membri, madankollu, saħqu li l-Valutazzjoni tal-Impatt mhix komprensiva biżżejjed fir-rigward tal-ispeċifiċitajiet nazzjonali bħat-tradizzjonijiet u l-istruttura ekonomika, b'mod partikolari dwar l-evoluzzjoni tal-livelli ta' paga minima fil-kuntest nazzjonali tagħhom. Dawk li wiegħbu qajmu wkoll il-punt li d-distinzjoni sottostanti bejn il-mudelli nazzjonali tista' tirrifletti aħjar il-pluralità tal-istrutturi u r-realtajiet tal-UE. Minkejja l-analiżi ppreżentata fil-Valutazzjoni tal-Impatt dwar l-impatti tal-pandemija tal-COVID-19, li kkonkludiet li l-pagi minimi huma fattur ewlieni biex jiġi żgurat irkupru inklużiv, ħafna Stati Membri kienu jixtiequ li jkun hemm konsiderazzjoni aħjar tal-effetti tal-pandemija fuq l-ekonomija speċjalment fuq l-SMEs.

L-Istati Membri kollha minbarra tnejn iqisu li **l-objettivi ta' politika, inkluż l-għanijiet ġenerali u l-objettivi aktar speċifiċi/operazzjonali**, huma stipulati kompletament jew sa ċertu punt stipulati tajjeb. Madankollu, skont diversi Stati Membri, il-korrispondenza bejn l-objettivi wiesa' ta' politika u l-problemi identifikati setgħu ġew ippreżentati b'mod aktar ċar. Ħafna Stati Membri kienu jixtiequ aktar spjegazzjoni dwar l-objettivi speċifiċi, b'mod partikolari dwar dawk marbuta mal-grad tal-kopertura tan-negożjar kollettiv u r-rabta każwali bejn dik il-kopertura u ż-żieda fil-pagi minimi. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri indikaw l-isfida biex titqabbel id-data billi l-mudelli tal-iffissar tal-pagi ivarjaw minn pajjiż għal ieħor, u Prattiki relatati għall-għbir tad-data mhumiex fuq l-istess livell fost l-Istati Membri u ineżistenti f'xi oħrajn. Il-biċċa l-kbira tad-delegazzjonijiet kienu jilqgħu aktar kjarifika dwar is-sorsi tal-informazzjoni u l-indikaturi tal-monitoraġġ. Barra minn hekk, rigward il-**koerenza tal-loġika ta' intervent**, id-delegazzjonijiet kollha minbarra tnejn iqisu li l-objettivi jikkorrispondu mal-problemi identifikati, tal-anqas parzjalment.

Maġġoranza wiesgħa tad-delegazzjonijiet hija tal-opinjoni li **n-neċessità u l-valur miżjud tal-azzjoni tal-UE** huma murija b'mod ċar, sa ċertu punt, filwaqt li xi wħud huma tal-opinjoni li l-konsistenza mal-prinċipju tas-sussidjarjetà seta' ġie ssostanzjat aħjar. Ħafna Stati Membri jikkondividu l-fehma li l-konsiderazzjonijiet tal-proporzjonalità tal-miżuri proposti jqisu biss, sa ċertu punt b'mod limitat, id-differenzi bejn il-mudelli ekonomiċi. Ħafna Stati Membri jiddikkjaraw li l-azzjonijiet diġà meħuda jew ippjanati fil-livell nazzjonali kienu biss indirizzati parzjalment mill-Valutazzjoni tal-Impatt.

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jaqblu li l-Valutazzjoni tal-Impatt tidentifika ħafna **opzjonijiet ta' politika** fattibbli, iżda xi wħud kienu jilqgħu konsiderazzjoni aħjar tal-opzjoni "l-ebda azzjoni tal-UE". L-Istati Membri kollha jqisu li s-suġġetti u l-partijiet l-aktar ikkonċernati ġew identifikati, mill-anqas parzjalment. Jaqblu wkoll li ngħataw informazzjoni dwar kif il-kontributi mill-utenti finali u l-partijiet ikkonċernati infurmaw l-opzjonijiet ta' politika, b'xi Stati Membri jinnutaw li l-fehmiet tal-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi setgħu ġew irrappreżentati aħjar fil-Valutazzjoni tal-Impatt. Diversi Stati Membri jqisu li kellha tingħata aktar spjegazzjoni dwar l-għażla ta' direttiva bħala strument legali.

L-Istati Membri kollha huma tal-opinjoni li l-Valutazzjoni tal-Impatt tqis l-**impatti ta' kull opzjoni ta' politika**, għalkemm il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jqisu li l-analiżi setgħet kienet aktar dettaljata. Xi delegazzjonijiet indikaw li l-isfidi tal-kuntest ekonomiku attwali, u speċjalment għall-SMEs, seta' ġie esplorat aktar, billi dawn x'aktarx jinfluwenzaw l-eżitu politiku. L-Istati Membri kollha minbarra wieħed iqisu li l-impatti tal-opzjonijiet ta' politika differenti huma espressi, mill-anqas parzjalment, f'format komparabbli u imqabbla ma' sett ċar ta' kriterji. Għadd konsiderevoli ta' Stati Membri kienu jippreferu aktar dettalji dwar l-impatt potenzjali u r-riskji marbuta mal-ħaddiema fuq paga minima, mal-konsumaturi, mal-SMEs u mal-kompetittività fil-kuntest nazzjonali partikolari tagħhom.

Ħafna Stati Membri jqisu li l-Valutazzjoni tal-Impatt kellha tqis aktar l-pandemija tal-COVID-19 fil-preżentazzjoni tal-**impatt soċjali** tal-proposta. L-Istati Membri kollha minbarra wieħed qiesu li l-impatti soċjali kienu, mill-anqas sa ċertu punt, ippreżentati b'mod ċar kemm f'termini ta' kwalità kif ukoll ta' kwantità, għalkemm xi Stati Membri kienu jixtiequ li l-Valutazzjoni tal-Impatt ittrattat aktar ir-riskji għall-impjeg u mezzi oħra biex jiġi indirizzat il-faqar minbarra l-pagi. Kważi l-Istati Membri kollha jqisu li l-Valutazzjoni tal-Impatt ivvalutat, tal-inqas parzjalment, l-ispejjeż regolatorji tal-proposta fir-rigward tad-differenzi tal-mudelli nazzjonali.

L-Istati Membri apprezzaw li l-**opinjoni tal-Bord tal-Valutazzjoni tal-Impatt** tal-Kummissjoni ġiet indirizzata fi gradi differenti mill-Valutazzjoni tal-Impatt. F'dak li għandu x'jaqsam mal-**kejl**, diversi delegazzjonijiet enfasizzaw l-isfidi tal-għbir ta' data komparattiva u d-diffikultajiet biex jitkejlu l-effetti tal-indikaturi proposti. Il-maġġoranza tad-delegazzjonijiet qieset li l-**metodoloġija u l-għażliet metodoloġiċi** kienu parzjalment xierqa **filwaqt li l-inċertezzi** dwar il-limitazzjonijiet tal-implimentazzjoni fil-kuntest nazzjonali għadhom hemm.